Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0028

Emenda tar-regolamenti dwar il-prodotti agrikoli fir-rigward ta’ regoli tas-suq u miżuri ta’ appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għal prodotti tal-inbid aromatizzat

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Frar 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) Nru 251/2014 fir-rigward ta’ ċerti regoli tas-suq u miżuri ta’ appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għal prodotti tal-inbid aromatizzat (COM(2025)0137 – C10-0058/2025 – 2025/0071(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0137),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 42, l-ewwel paragrafu, u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0058/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta’ Lulju 2025[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-2 ta’ Lulju 2025[2],

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-

---

1 ĠU C, C/2025/5161, 28.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5161/oj.
2 ĠU C, C/2025/4418, 29.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/4418/oj.

ittra tas-16 ta' Diċembru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A10-0220/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma’ din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2025)0071

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Frar 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 251/2014 u (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għal prodotti tal-inbid aromatizzat, u r-Regolament (UE) 2024/1143 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar it-tikkettar għax-xorb spirituż

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2015/471.)

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠISLATTIVA

Stqarrija tal-Kummissjoni fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/471 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2026[1] li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 251/2014 u (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għal prodotti tal-inbid aromatizzat u r-Regolament (UE) 2024/1143 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar it-tikkettar għax-xorb spirituż

Il-Kummissjoni se tagħmel l-aħjar sforzi tagħha biex fis-sena 2026 tippreżenta lill-grupp jew lill-kumitat ta' esperti rilevanti:

1) abbozz ta' att ta' implimentazzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2018/274 relatat mal-possibbiltà li tiġi estiża l-**applikazzjoni tal-proċedura simplifikata għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid** stabbiliti fl-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament.

2) abbozz ta' emenda tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33, biex tiġi ddefinita s-sistema tal-Unjoni għall-identifikazzjoni fuq il-pakkett jew it-tikketta tal-prodotti tad-dwieli **bil-mezzi elettroniċi** msemmija fl-Artikolu 119(4) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

3) abbozz ta' emenda tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 biex fid-**definizzjoni ta' "coupage"** ("taħlit") tiġi inkluża l-possibbiltà li l-inbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati jitħalltu ma' nbejjed bla gass biex jiġu prodotti nbejjed parzjalment dealkoħolizzati.

4) abbozz ta' att delegat li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-**qlugħ tad-dwieli ta' vinji abbandunati** msemmija fl-Artikolu 62(6) il-ġdid tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

---

[1] ĠU L, 2026/471, 26.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/471/oj.